# Liġi ġdida kontra t–tabakk fil–Lussemburgu
## 21/07/2006

Nhar il–Hamis 13 ta´ Lulju 2006, il–Kamra tad–Deputati tal–Lussemburgu adottat liġi ġdida kontra t–tipjip b´37 vot favur, 2 kontra u 20 astensjoni. Din il–liġi ser telimina kważi ghal kollox ir–riklamar tas–sigaretti, u ser tipprojbixxi t–tipjip f´ghadd ta´ postijiet pubbliċi.
Madankollu, in–nightclubs mhux ser jintlaqtu u fir–ristoranti ghandu jkun hemm spazju riservat ghal min ipejjep li jrid jikkorrespondi ghal 25% ta´ l–ispazju kollu ta´ l–istabbiliment.

Il–projbizzjoni hija wahda parzjali ghall-kafetteriji: it–tipjip ser ikun ipprojbit fil–postijiet li joffru l–ikel bejn nofsinhar u s–saghtejn ta´ wara nofsinhar u bejn is–7 u d–9 ta´ filghaxija.

Min–naha l–ohra, it–tipjip ser ikun ipprojbit ghal kollox fiċ-ċentri kummerċjali u bini pubbliku.

Madankollu, it–test li, fuq ċerti punti, jmur lil hinn mid–Direttiva Ewropea ta´ l–2003 li suppost qieghed jittrasponiha, jibqa´ wiehed ambigwu fuq il–kwistjoni tal–projbizzjoni tat–tipjip fuq il–post tax–xoghol: “Min ihaddem irid jiehu l–mi żuri kollha mehtieġa biex jipproteġi lill–haddiema b´mod effettiv kontra d–duhhan li jkun ġej mit–tipjip ta´ haddiehor. ” Il–gvern dalwaqt ghandu jipproponi test fuq dan il–punt.

**Sors:**
AFP, Fondazzjoni Kontra l–Kanċer tal–Lussemburgu